11.3.2015

B8-0236/2015 }
B8-0238/2015 }
B8-0244/2015 }
B8-0246/2015 } RC1/Am. 2

**Emenda 2**
**Javier Couso Permuy, Marina Albiol Guzmán**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE**
Is-sitwazzjoni fil-Venezwela

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| A. ***billi Antonio Ledezma, li ġie elett demokratikament darbtejn bħala Sindku tad-Distrett Metropolitan ta' Karakas u li huwa mexxej veteran tal-oppożizzjoni, fid-19 ta' Frar 2015 inżamm arrestat arbitrarjament minn uffiċjali armati sew tas-Servizz tal-Intelligence Bolivarjan (Sebin), li min-naħa tagħhom ma pproduċewx mandat ta' arrest jew evidenza li kien wettaq xi reat; billi wara d-detenzjoni, Antonio Ledezma ġie mixli b'komplott u assoċjazzjoni għat-twettiq ta' reati – fil-Venezwela reati punibbli b'sentenzi ħarxa ta' priġunerija – u mitfugħ fil-ħabs militari ta' Ramo Verde;*** | A. ***billi s-Sindku Metropolitan tal-Karakas, Antonio Ledezma, ġie arrestat b'mandat maħruġ mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u akkużat b'konfoffa u assoċjazzjoni b'intenzjoni kriminali għall-allegat involviment tiegħu f'komplott kontra l-gvern elett; billi ż-żewġ delitti huma definiti u penalizzati taħt il-Kodiċi Kriminali tal-Venezwela u l-Liġi Organika kontra l-Kriminalità Organizzata u l-Finanzjament tat-Terroriżmu;*** |

Or. en

11.3.2015

B8-0236/2015 }
B8-0238/2015 }
B8-0244/2015 }
B8-0246/2015 } RC1/Am. 3

**Emenda 3**
**Javier Couso Permuy, Marina Albiol Guzmán**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE**
Is-sitwazzjoni fil-Venezwela

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| D. ***billi l-President Maduro ħabbar ukoll allegazzjonijiet ta' kospirazzjonijiet barranin strambi, il-pjanijiet ta' destabbilizzazzjoni u attentati ta' qtil, li ġew rappurtati mill-amministrazzjoni nazzjonali f'diversi okkażjonijiet;*** | D. ***billi twettqet gwerra ekonomika minn xi setturi fil-Venezwela għal dawn l-aħħar xhur permezz ta' żieda fil-prezzijiet, prodotti li jiddaħħlu bil-kuntrabandu u attivitajiet ta' żamma tal-istokk; billi l-Gvern tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela kkundanna "l-Operazzjoni Jericho", jiġifieri l-aħħar attentat ta' kolp kontra l-gvern elett demokratikament, ippjanat għat-12 ta' Frar 2014 mill-oppożizzjoni tal-lemin estrem u finanzjata u appoġġjata mill-Gvern tal-Istati Uniti bl-appoġġ ta' għadd ta' uffiċċjali militari għolja Venezweljani; billi skont informazzjoni provduta mill-Gvern Venezweljan, l-attentat kolp kien ibbażat fuq pjan b'erba' stadji biex jitneħħa l-President Maduro, fejn jibda bi gwerra ekonomika u jispiċċa b'rewwixta militari vjolenti b'ajruplani tal-gwerra Tucano biex jibbumbardjaw miri strateġiċi inklużi kwartieri ġenerali ewlenin tal-gvern bħall-Palazz Presidenzjali, il-Ministeru tad-Difiża u l-istazzjoni televiżiv Telesur; billi dan kien ippjanat li jsir wara l-pubblikazzjoni ta' manifest li jitlob għal "tranżizzjoni" u l-formazzjoni ta' gvern proviżorju; billi dan il-manifest ġie*** |

***ffirmat mill-mexxejja tal-oppożizzjoni, inklużi Antonio Ledezma, María Corina Machado u Leopoldo López;***

Or. en

11.3.2015

B8-0236/2015 }
B8-0238/2015 }
B8-0244/2015 }
B8-0246/2015 } RC1/Am. 4

**Amendment 4**
**Javier Couso Permuy, Marina Albiol Guzmán**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE**
Is-sitwazzjoni fil-Venezwela

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Jinsab imħasseb ħafna dwar is-sitwazzjoni li sejra lura fil-Venezwela, u jikkundanna l-użu tal-vjolenza kontra d-dimostranti; jistieden lill-awtoritajiet tal-Venezwela jirrilaxxaw b'mod immedjat lil Antonio Ledezma, Leopoldo López, Daniel Ceballos u lid-dimostranti paċifiċi kollha, studenti u mexxejja tal-oppożizzjoni kollha li nżammu arrestati arbitrarjament talli eżerċitaw id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u d-drittijiet fundamentali tagħhom, u dan skont it-talbiet li saru minn bosta korpi u organizzazzjonijiet internazzjonali tan-NU; jistieden lill-awtoritajiet tal-Venezwela jirtiraw l-akkużi mingħajr bażi kontriehom;*** | 1. ***Jikkundanna b'qawwa l-aħħar attentat ta' kolp ta' stat u l-vjolenza relatat min-naħa ta' gruppi tal-oppożizzjoni tal-lemin u tal-lemin estrem fil-Venezwela; jiddeplora l-kampanja permanenti ta' destabbilizzazzjoni kontra r-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela permezz ta' atti vjolenti mwettqa f'ambitu simili għal dak tal-attentat ta' kolp ta' stat preċedenti tal-2002; jiddispjaċih ħafna dwar it-telf ta' ħajjiet, u jestendi l-kondoljanzi tiegħu lill-familji tal-vittmi; jistieden lil dawk responsabbli għat-twettiq jew it-tixwix tad-delitti konċernati biex jinżammu responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom; jesprimi r-rispett tiegħu għas-sistema ġudizzjarja tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela, u għaldaqstant jiċħad kwalunkwe indħil fil-proċedimenti ġudizzjarji li għaddejjin fil-livell nazzjonali;*** |

Or. en

**Emenda 5**
**Javier Couso Permuy, Marina Albiol Guzmán**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE**
Is-sitwazzjoni fil-Venezwela

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jinkoraġġixxi lis-sħab reġjonali tal-Venezwela, bħall-UNASUR u ***l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani***, sabiex jiftħu kanali ta' djalogu u ta' fehim bejn il-partijiet kunfliġġenti, u jiggarantixxu s-sikurezza u l-ħarsien tal-pubbliku, u li jerġgħu jsaltnu l-kalma u n-normalità fil-Venezwela; | 10. Jinkoraġġixxi lis-sħab reġjonali tal-Venezwela, bħall-UNASUR u ***l-Komunitá ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew (CELAC)***, sabiex jiftħu kanali ta' djalogu u ta' fehim bejn il-partijiet kunfliġġenti, u jiggarantixxu s-sikurezza u l-ħarsien tal-pubbliku, u li jerġgħu jsaltnu l-kalma u n-normalità fil-Venezwela; |

Or. en

11.3.2015

B8-0236/2015 }
B8-0238/2015 }
B8-0244/2015 }
B8-0246/2015 } RC1/Am. 6

**Emenda 6**
**Javier Couso Permuy, Marina Albiol Guzmán**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE**
Is-sitwazzjoni fil-Venezwela

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 9a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Jiċħad bil-qawwa s-sanzjonijiet imposti kontra l-Venezwela f'Diċembru 2014 mill-Istati Uniti permezz ta' 'Ordni Eżekuttiva li timplimenta u tespandi fuq l-Att dwar id-Difiża tad-Drittijiet tal-Bniedem u s-Soċjetà Ċivili tal-Venezwela tal-2014', u jfaħħar ir-reazzjoni unanima tal-pajjiżi tal-UNASUR u l-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew kontra dawn is-sanzjonijiet; jiddeplora bil-qawwi l-Ordni Eżekuttiva tal-Istati Uniti tad-9 ta' Marzu 2015 li fil-qafas ta' emerġenza nazzjonali, jiddikjara li l-Venezwela hi għadu għas-sigurtá nazzjonali tal-Istati Uniti tal-Amerika; iqis li l-għan ta' din l-ordni hu li ddgħajjef il-gvern kostituzzjonali u leġittimu tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela; jinsab konvint li l-Venezwela ma tirrappreżenta l-ebda theddida għal ebda wieħed mill-ġirien tagħha jew għal xi pajjiż ieħor;*** |

Or. en